# Minuti

## Seduta Nru. 41/2013

Data: Il-Ġimgħa, 30 t' Awwissu 2013

Ħin: 5:30pm

Post: Kunsill Lokali L-Imsida, Pjazza Menqa Msida

---

Preżenti: Mary Rose Mifsud – *Chairperson*
Jane (Yvonne) Spiteri – *Membru*
Rudolph Cini – *Membru*
Catherine Mangion – *Membru*
Margaret Baldacchino Cefai – *Sindku L-Imsida*
Christopher Galea – *Aġent Segretarju Eżekuttiv*

Skużati: John Mary Zahra (Jimmy) – *Viċi Chairperson*

❖ Ħadd m'attenda minn naħa tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara.

---

## AĠENDA

1. Talba;
2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
3. Punti Mqajma mill-Minuti;
4. Korrispondenza;
5. Attivita' tat-2 ta' Novembru 2013;
6. Servizz tal-iSkart;
7. Applikazzjonijiet għall-Fanali Ġodda;
8. Laqgħa Pubblika;
9. Mistoqsijiet mill-Membri tal-Kumitat;
10. Komunikazzjoni miċ-Chairperson;
11. Għeluq u Aġġornament.

---

## Kontenut

Annex A Minuti 41/2013

Annex B Tabella ta' Deċiżjonijiet li ttieħdu waqt is-seduta li jirrikjedu Azzjoni

**Annex A**

**Minuti 41/2013**

## 1. Talba

**1.1** Il-laqgħa bdiet fis-5:45pm billi ntqalet it-talba miċ-*Chairperson*.

## 2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

**2.1** Il-Minuti tas-Seduta 40/2013 kienu tqassmu qabel, ittieħdu bħala moqrija, ma kienx hemm korrezzjonijiet u ġew approvati unanimament mill-Kumitat.

## 3. Punti Mqajma mill-Minuti

**3.1** **Fuq Punt 3.1 –** Iċ-*Chairperson* qalet li din il-materja ser tressaqha quddiem il-Kunsill ta' Birkirkara waqt il-laqgħa li jmiss u ser tinsisti li l-Kunsill jaġixxi malajr fuqha. *Traffic Management*

**3.2** Iċ-*Chairperson* talbet biex tissospendi l-laqgħa sabiex ikun jista' jitkellem l-Aġent Segretarju Eżekuttiv tal-Kumitat. Il-Kumitat qabel. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kumitat li minħabba li żdiedlu drastikamet ix-xogħol fid-Dipartiment fejn jaħdem ma jistax ileħħaq ukoll max-xogħol tal-Kumitat. Għalhekk talab ir-reżenja lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u sabiex jiġi sostitut. Talab ukoll lill-Kumitat sabiex japprova r-reżenja tiegħu minħabba l-fatt li r-residenti tas-Swatar u l-Kumitat jixirqilhom l-aħjar servizz u ġaladarba dan ma jistax jagħmlu aktar minn naħa tiegħu, aħjar jilħaq Segretarju Eżekuttiv ieħor. Il-Kumitat approva unanumament din talba. *Talba għar-reżenja*

## 4. Korrispondenza

**4.1** Ma kienx hemm ebda korrispondenza x'titressaq quddiem il-Kumitat.

## 5. Attivita' tat-2 ta' Novembru 2013

**5.1** Iċ-*Chairperson* qalet li fit-2 ta' Novembru 2013 ser ikun hemm attivita' kulturali organizzata mill-Kunsill Lokali ta' Birkirkara bis-sehem tal-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar. Il-Kumitat kellu talba miż-ŻAK biex għat-tieni sena konsekuttiva jagħmlu Christmas Market. *Christmas Market*

## 6. Servizz tal-iSkart

**6.1** Iċ-*Chairperson* qalet li qajmet din l-issue waqt il-laqgħa tal-Kunsill ta' Birkirkara u ġiet infurmata li l-Kunsill ser juża magni tal-ħasil tat-toroq darba fix-xahar u r-residenti ser ikunu avżati qabel. Dwar il-kennies tas-Swatar, ser ikun hemm diskussjonijiet mal-istess Kunsill fuq kif ser isir il-knis fil-lokalita'. *Knis tal-lokalita'*

**6.2** Is-Sur Cini ppropona li dan is-servizz tal-magni għandu jingħata fiż-żona tas-Swatar fis-sajf biss bejn Marzu u Settembru minħabba li fix-xitwa t-toroq ikunu maħsula bix-xita. Il-Kumitat qabel ma' din il-proposta.

## 7. Applikazzjonijiet għall-Fanali Ġodda

**7.1** Iċ-*Chairperson* qalet li l-applikazzjonijiet għall-fanali ġodda ilhom li saru u għadhom ma twaħħlux. Is-Sindku tal-Imsida qalet li minn dak iż-żmien l-hawn l-applikazzjonijiet bħala format inbiddlu u l-Kunsill kellu jerġa jissottometti l-applikazzjonijiet mill-ġdid. *Fanali*

## 8. Laqgħa Pubblika

**8.1** Il-Kumitat iddeċieda li l-laqgħa pubblika għandha tkun sospiża sakemm jissolvew l-affarijiet pendenti kollha li l-Kunsilli rispettivi għandhom mal-Kumitat. *Xogħol Pendenti*

**8.2** Iċ-*Chairperson* qalet li l-Kumitat iħossu urtat b'din il-mogħdija ta' żmien minn naħa tal-Kunsilli rispettivi dwar il-proġetti u affarijiet oħra li l-Kumitat approva u ilu jitkellem dwarhom u għadu ma sar xejn minhomm.

## 9. Mistoqsijiet mill-Membri tal-Kumitat

**9.1** Is-Sa Spiteri irrimarkat li l-bins tal-klieb għadhom ma sarux kif ukoll l-arblu tal-Enemalta quddiem ir-ramparound għadu ma tneħħiex.

## 10. Komunikazzjoni miċ-*Chairperson*

**10.1** Iċ-*Chairperson* qalet li ħareġ *prospectus* tal-*life long learning* u li dan jista' jinġabar mill-Kunsilli rispettivi. Għar-residenti tas-Swatar il-korsijiet ser isiru fil-Kulleġġ Sta Teresa bil-kollaborazzjoni magħhom. *Life long learning*

**10.2** *Iċ-Chairperson* issostni li hi taqbel li s-Swatar isir Kunsill u mhux vera il-qlajjiet li qed isiru fuqha. *Swatar isir Kunsill*

## 11 Għeluq u Aġġornament.

**11.1** Il-laqgħa spiċċat fis-7:30pm. Il-Kumitat unanimament qabel li l-laqgħa għandha tiġi aġġornata għal nhar it-Tlieta, 8 t' Ottubru 2013, fil-5:30pm ġewwa l-Kunsill Lokali tal-Imsida.

Mary Rose Mifsud
*Chairperson*

Christopher Galea
Aġent Segretarju

Data

**Annex B**

### Tabella ta' Deċiżjonijiet li jirrikjedu Azzjoni

| Ref. | Suġġett | Entita' / Persuna Responsabbli |
|---|---|---|
| | | |
| | | |
| | | |